L-Orizzont

LORNA VASSALLO

Data tal-Pubblikazzjoni: Il-Gimgha, 21 ta' Dicembru, 2001

**Is-Sigriet ta' Santa Klaws**

*Donnu ghal dan il-Milied, il-Gvern flimkien mad-dixxipli fidili tieghu li jaraw li jabortixxu l-verità fl-istadji l-aktar prematuri taghha halli jiggarantixxu l-illuzjoni tal-poplu, kif ukoll l-impjieg ta' dak li minn sena ghall-ohra jilbes ta' Santa Klaws, din is-sena wkoll poggew subghajhom ma' xufftejhom halli c-cittadin jibqa' johlom bil-qniepen.*

Hemm demokrazija u demokrazija. Hemm libertà u ohra. Hemm espressjoni u hemm ohra. Hemm stampa u hemm ohra. Hemm privilegg u iehor. Mhux kull ma ghandu l-istess isem huwa l-istess haga. Lanqas min kull ma jidher li huwa l-istess fil-fatt ma huwa l-istess.

Niftakar fl-ispeci tal-friefet ta' l-Afrika li huma identici f'kollox u moghnija bl-istess ilwien bid-differenza li speci wahda hi velenuza u l-ohra le. Imma ghall-bniedem li qed jammira dan it-tip ta' farfett u jhallih jimxi fuq idu, il-periklu huwa aktar minn ta' l-aktar iljun feroci.

Dak li f'ghajnejna jipprova jidher li mhux ta' periklu meta fil-fatt huwa, huwa hafna aktar perikoluz minn dak li l-qilla tieghu hija maghrufa ma' kullimkien.

Stat li jghid li huwa demokratiku u mhux, huwa aghar minn stat li huwa maghruf li mhux demokratiku. Dak li jipprova juri li qed jimxi b'mezzi demokratici u mparzjali, imma minn gewwa m'huwiex demokratiku ghax qed jipprova jghatti l-verità , hu aghar minn dak li kulhadd jaf li ma jistax joqghod fuq kliemu.

Min-naha l-ohra, dak li ghandu 'l ta' fuqu jiddettalu x'ghandu jghid fl-interess tieghu u, mhux fl-interess tal-gustizzju, huwa aghar minn bniedem liberu li ghandu l-marda tal-gideb.

U huwa wisq iktar prattiku dak li jahbi l-verità ghax jibza' li jiffaccja l-konsegwenzi milli dak li jghid il-verità anke jekk jaf li l-konsegwenzi taghha se jkunu koroh.

L-ewwel wiehed huwa bezziegh, mentri t-tieni huwa l-vuci tal-verità. U dak li ghandu x'jahbi jgieghel lil min jissuspetta hazin, hafna aktar minn dak li jghid il-verità kollha!

Il-poplu Malti l-gimgha li ghaddiet gie ffaccjat ghal darb'ohra b'din ir-realtà. Meta Alfred Sant zvela, senza interessi, abbuzi minn awtorità pubblika (li ovvjament tista' tikkostitwixxi – sakemm ippruvata – ksur ta' ligi) fi programm intenzjonat ghall-mezzi tax-Xandir l-ewwel li pprova jimpedixxi l-verità milli tasal fil-widnejn tal-poplu kien dak, li komdu wara l-makni u l-*mixer* ta' l-istazzjoni beda jaghzel mhux biss l-angoli li minnhom ghandu jidher il-kelliem, imma wkoll x'ghandu jghid il-kelliem u x'ghandu jithalla barra minn diskorsu.

Dan sar biex kemm jista' jkun, il-kelma tmut fuq ruh ommha, u partikularment ghal dawk mill-poplu li ma joqoghdux jistadu ghall-informazzjoni billi jaqilbu minn stazzjon ghall-iehor u jsibu l-bilanc bejn kollha, il-verità tibqa' mistura u tmut fuq fomm l-istess kelliem!

Imma ghalxiex din il-verità ghandha tigi daqshekk imbieghda minn widnejn il-poplu? U min seta' wettaq reat kundannabbli mil-ligi dejjem joghla u jistaghna?

Jewwilla dan hu s-sigriet ta' Santa Klaws li ma rridux lit-tfal taghna jkunu jafu bih halli jibqghu jghixu fl-illuzjoni u jibqghu ferhana?

U jekk isiru jafu bih, ghandna daqshekk garanzija li l-ferh ta' tfulithom se jisfa fix-xejn ghax jinbidel f'toghma morra tar-realizzazzjoni li kull ma huwa sabih fil-hajja hu illuzjoni?

Donnu ghal dan il-Milied, il-Gvern flimkien mad-dixxipli fidili tieghu li jaraw li jabortixxu l-verità fl-istadji l-aktar prematuri taghha halli jiggarantixxu l-illuzjoni tal-poplu, kif ukoll l-impjieg ta' dak li minn sena ghall-ohra jilbes ta' Santa Klaws, din is-sena wkoll poggew subghajhom ma' xufftejhom halli c-cittadin jibqa' johlom bil-qniepen.

Imma ma konniex nafu li, ghalkemm lilna Santa Klaws imlielna klazetta, huwa bena dar shiha bhala hlas ghal xoghlu. Lanqas ma konna nafu li libes il-kostum ta' Santa Klaws halli jkollu aktar poteri u jkun jista' wkoll juzahom ghall-iskopijiet personali tieghu.

Lanqas ma konna nafu li flimkien mat-tliet Slaten Magi jfittxu lil Gesù Tarbija, kien hemm ghexieren ta' suldati li lesti joqtluh fl-iktar zmien prematur ta' hajtu.

Il-Milied hija festa kbira, ghax hija festa li ma tixjieh qatt. Imfassla fuq il-hajja kif kienet, ghadha sal-lum u dejjem tibqa'.

Ta' nies li jsegwu ghax ihobbu l-verità u dawk li jsegwu biex il-vierità tmut qabel ma titwieled.

Imma nittama, li bhal ma gara fir-rakkont tal-Bibbja, il-verità dejjem tirbah bla ma thares lejn wicc hadd u taghti ragun lil min verament ghandu ragun ikun min ikun. Min jisfida l-verità u jpoggiha ghall-verdett ghandu jkollu l-libertà ta' l-espressjoni li jaghmel dan, waqt li min jibqa' minnha mhux denju taghha.

Il-Milied it-tajjeb kemm ill-magi kif ukoll lis-suldati: huma min huma !

---

Nixtieq nawgura Milied Hieni lill-qarrejja kollha ta' dan il-gurnal kif ukoll 'il-familji kollha taghkom!

*Ghal kummenti jew suggerimenti iktbuli fuq lornav@onvol.net*